# Diwi mill-Kampnari

***Sensiela ta' Ġrajjiet u Tagħrif dwar Qniepen f'Birkirkara miġjubin f'isem il-Kummissjoni Kampanisti tal-Kolleġġjata Elenjana***

**Philip Xuereb**

Wara dak li għedna fl-ewwel taqsima dwar l-ewwel qanpiena li nafu biha f'Birkirkara, illum irridu nagħmlu qabża ta' kważi mija u tletin sena biex insibu xi ħjiel relatat ma' das-suġġett f'Birkirkara. Ma jfissirx li sadanittant f'Birkirkara, għallanqas fil-knisja parrokkjali ma kienx hawn qniepen, imma li għadna ma ltqajniex ma' tagħrif bl-iswed fuq l-abjad li kien hawn.

L-ewwel nett irid jingħad li fil-perjodu minn kmieni fis-Seklu Sbatax, il-Kappillan Dun Filippu Borg u n-nies ta' Birkirkara kienu qed jibnu knisja parrokkjali ġdida minflok dik medjevali, dik li hi l-Knisja l-Qadima li nafu llum. Il-bini ta' dil-knisja kien ħa ħafna żmien u l-aħħar parti li nbniet kienet il-kampnar. Nifhmu li dan kien il-parti ta' fuq tal-istruttura, għax il-parti t'isfel, il-garigor imqabbad ma' dahar il-kappellun tat-Tramuntana, telgħet mal-bini tal-istess kappellun.

## Kampnar għall-Knisja (l-Qadima)

Ġara li wara l-mewt tal-Vigarju Perpetwu (Kappillan) Dun Ġwann Battista Zarb li ġrat fl-1677[1], il-Prokuraturi tal-knisja kellhom somma flus ġmielha, li għall-ewwel biha xtaqu jagħmlu tabernaklu fuq l-altar maġġur. Iżda kien hemm oġġezzjonijiet liturġiċi għalih minħabba l-funzjonijiet kapitulari. Għalhekk il-Prokuraturi raw x'kienet il-fehma tal-Karkariżi dwar x'seta' jsir b'dawk il-flus u kien deċiż li jinbena l-kampnar proprju tal-knisja, li kien għadu ma nbeniex, minkejja li diġà kien hemm il-ġebel maqtugħ lest għalih ħdejn il-knisja.



*Akkwarell li hu magħmul mir-Rev. D. F. Markham li juri l-Knisja l-Qadima.*

Qed ngħid il-kampnar proprju għax fil-fatt jidher li l-Knisja l-Qadima kellha daqsxejn ta' kampnar ieħor, minn dawk li ġieli ġew deskritti bħal *grabja*, li kien jieħu qanpiena waħda. Dan kien fuq in-naħa ta' quddiem, fil-ġenb wara l-frontispizju, sew sew fuq il-bieb ċkejken fil-ġenb, tal-garigor li jagħti għall-gallarija ta' fuq il-bieb ewlieni. Jidher li dan ma kienx tneħħa meta nbena l-kampnar il-kbir għax jidher f'akkwarell tal-Ingliż Rev. David Frederick Markham li seta' sar lejn l-1845 u l-1846.[2]

---

[1] Din is-sena kienet sewwasew wara l-imxija l-kbira tal-pesta tal-1676.

[2] Nicholas De Piro, *The International Dictionary of Artists who Painted Malta,* BDL Books 2002, 309.

Il-Kapitlu tal-Kolleġġjata Elenjana qabel ukoll mal-proposta li jinbena l-kampnar. Imbagħad fil-11 ta' Ġunju 1678, l-Isqof Mikiel Girolamo Molina ħareġ digriet favorevoli *accedente consensu populi – li jilqa' r-rieda tan-nies (ta' Birkirkara).* Il-kampnar ma damx ma tela', għax kien sar ħafna xogħol volontarju wkoll u fih tpoġġiet għallanqas qanpiena waħda. Jissemma għall-ewwel darba f'Viżta Pastorali fis-sena 1769. Mons. Prof. Vinċenz Borg, li kien involut sew fir-rikostruzzjoni/restawr tal-Knisja l-Qadima, jinnota li kien instab pedament kwadrat u fuqu xi filati li kien fihom lavur in-naħa tas-sagristija tan-nofsinhar u li possibbilment seta' kien maħsub biex hemm jitla' kampnar li kien ikun għalih waħdu mill-bqija tal-knisja.[3]

**Arloġġ fil-Kampnar tal-Knisja l-Qadima**

Anke llum, jekk wieħed iħares ftit lejn il-kampnar mislut tal-Knisja l-Qadima, jinnota li 'l fuq mill-arkata tal-qniepen, fuq tliet naħat, hemm bħal tieqa tonda miftuħa beraħ. Imma fuq in-naħa li tħares lejn it-Tramuntana, jiġifieri, lejn fejn kien jinfirex ir-raħal ta' Birkirkara dak iż-żmien, illum lejn in-naħa tal-istazzjon il-qadim, din it-tieqa tonda hi magħluqa ħlief għal speċi ta' toqba tonda fin-nofs. Dan juri li meta kienu qed jibnu dal-kampnar, kellhom f'moħħhom ukoll li jsir arloġġ mekkaniku, u ħasbulu għall-post mill-ewwel fl-istess struttura.

Dan l-arloġġ ma sarx mill-ewwel. Imma fis-16 ta' Mejju 1723, allura tliet snin biss qabel il-bidu tal-bini tal-knisja l-ġdida ta' Santa Liena, fis-sagristija tal-knisja (l-qadima)kien sar kuntratt bejn l-imgħallem ħaddied Pietru Pawl Grima minn Ħaż-Żebbuġ u l-Prokuraturi tal-*Veneranda Lampade* tal-knisja. Dan l-imgħallem kellu jagħmel arloġġ għall-kumdità tal-knisja u tan-nies ta' Birkirkara, imma ma kellux idoqq il-kwarti u anqas jirrepeti s-sigħat. Fil-kuntratt kien stipulat ukoll li kellu jkun xiber anqas minn dak ta' Ħaż-Żebbuġ, imma b'ħadid eħxen u kellu jkun lest sal-11 ta' Novembru ta' wara.



*Dehriet ta' żewġ faċċati tal-kampnar tal-Knisja l-Qadima.*

Għall-kuntratt kien preżenti Dun Ġwann Battista Xicluna, Arċipriet tal-Kolleġġjata. Skont il-ftehim quddiem in-Nutar Ġużeppi Debono, il-ħlas kellu jkun ta' ħamsin uqija u ssemmiet il-modalità kif dan kellu jsir, fosthom li l-aħħar parti kellha tingħata wara sena li jkun tqiegħed, ippruvat u eżaminat minn esperti, bil-kundizzjoni li jsewwuh jekk jiġrilu xi ħaġa tul dik is-sena. F'April 1724, quddiem l-istess Nutar, Grima ddikjara li kien irċieva l-aħħar pagament li fih kien hemm inklużi spejjeż għal martell u widnejn għall-qanpiena tal-arloġġ.[4]

---

[3] SAL, *Birkirkara, Storja, Kolleġġjata u Knejjes Filjali,* PEG Limited 2005, 43 u Prof. Mons. Vincent Borg, *Tagħrif Ġdid dwar il-Bini tal-Knisja l-Qadima ta' Birkirkara,* Programm maħruġ mill-Kummissjoni Kapitulari, Festa Sant'Elena 1976.
[4] Rev. Kan. Vinċenz Buhagiar, *Tagħrif fuq il-Parroċċa Kolleġġjata Bażilka ta' Santa Liena Birkirkara,* San Ġwakkin Press 1984, 6. Il-Kan. Buhagiar jikkummenta li l-magna ta' dan l-arloġġ eventwalment kienet ittieħdet fil-knisja l-ġdida ta' Santa Liena. Ħaġa possibbli ħafna. Imma jgħid ukoll li għadha hemm sal-lum. Dan mhux il-każ għax kien sar arloġġ ieħor tard fis-Seklu Tmintax, kif naraw f'taqsima oħra ta' dawn il-kitbiet.

## Qniepen oħrajn

Għall-aħħar tas-Seklu Sbatax kienet saret qanpiena ġdida għall-Knisja Kolleġġjata (il-qadima) u hekk il-knisja kellha żewġ qniepen, li t-tnejn indaqqu fil-pussess bil-prokura tal-Prepostu Andrea Pullicino fl-1699.[5]
Sadattant, f'kuntratt li sar f'Awwissu tas-sena 1700, insibu li xi ħmistax-il xahar qabel, il-Prokuraturi kienu xtraw u diġà nstallaw fil-kampnar tal-knisja, qanpiena tiżen tminn qnatar u sebgħa u tmenin ratal mingħand l-imgħallem funditur Mederico (jew Emerico) Menville. Fil-fatt, il-kuntratt imsemmi hu dwar ħlas li kien għadu qed isir għaliha u l-ispiża totali kienet ta' sitt mija u tmintax-il skud. Il-fondi kienu nġabru minn bejgħ bl-irkant ta' xi artijiet u mill-ġbir mingħand in-nies fil-knisja. Il-funditur kien baqa' marbut li jekk il-qanpiena tixxaqqaq sa għaxar snin wara, kellu jerġa' jfondiha. F'kitba notarili oħra f'Ottubru 1701 hemm irreġistrata għotja ta' sittax-il skud mingħand Ġużeppi Borg lil Bastjan Micallef, dan tal-aħħar probabbilment Prokuratur tal-knisja, għall-imsemmija qanpiena. L-aħħar parti tal-ħlas lill-funditur Menville, mitejn u sitta u sittin skud, saret fi Frar tal-1702.[6]

Nerġgħu niltaqgħu mal-funditur Menville b'konnessjoni ma' Birkirkara f'Lulju 1724. Hawn insibu li kien tħallas għal qanpiena ta' erbat iqnatar u tmienja u erbgħin ratal li kien għamel għall-arloġġ. Dil-qanpiena kienet swiet tliet mija u sitta u tletin skud, imma Menville kien ħa tliet mija u għoxrin skud. Is-sittax l-oħra ħallihom għall-Knisja.[7]

## Qniepen fil-festa tal-1738

Rigward daqq ta' qniepen fil-kampnar tal-Knisja l-Qadima, insibu tifkira miktuba dwar il-festa ta' Santa Liena tas-sena 1738, meta allura l-bini tal-knisja l-ġdida kien diġà avvanzat sew. Dan jinsab f'kitba miżmuma fil-Biblijoteka Nazzjonali u jirreferi għalih E.B. Vella[8] f'deskrizzjoni li jagħti ta' dik il-festa. L-ewwel ma jsemmihom hu lejlet il-festa: *Qatgħu l-qniepen u beda l-għasar solenni...* Minn dan nieħdu li sa dik is-sena kien hemm aktar minn qanpiena waħda fil-kampnar tal-Knisja l-Qadima. Ikompli jgħid li: *Fil-għaxija, x'ħin dalam, daqqew erba' moti tal-qniepen...* Aktar il quddiem jitħaddet fuq nhar il-festa: *Filgħodu l-qniepen kellhom x'jagħmlu, għax fis-sitta beda l-matutin.* U naturalment, la daqqew kmieni għall-matutin, ma setgħux baqgħu siekta aktar tard waqt il-purċissjoni u l-bqija.

Nota żgħira tal-aħħar. Mhux fuq qniepen imma naħseb li interessanti. Fl-istess dokument fil-Biblijoteka, barra tagħrif ieħor, hemm li dik is-sena l-purċissjoni kienet marret fil-knisja l-ġdida li kienet qed tinbena. Jgħid ukoll li fil-Quddiesa Prepositali wara l-purċissjoni, kien sar paniġierku *bil-Malti* minn Patri Dumnikan, li kien dam siegħa u nofs!!! Madankollu kollox kien spiċċa għall-ħabta tal-ħdax.

[5] SAL, *Birkirkara, Storja, Kolleġġjata u Knejjes Filjali*, PEG Limited 2005, 81.
[6] John Debono, *Art and Artisans in St. John's and other Churches in the Maltese Islands ca. 1650-1800*, BDL Books 2005, 268.
[7] Ibid.
[8] E.B. Vella, *Storja ta' Birkirkara bil-Kolleġġjata Tagħha*, Empire Press 1934, 208-212.